# IL-Kwadru l-Qadim Żejtuni ta' Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina

## *Skoperta Ġdida "Shades of Caravaggio"*

Ilhom is-snin l-istoriċi tal-knisja u l-esperti ta' l-arti ekkleżjastika jistudjaw u janalizzaw il-kwadru Zejtuni ta' "Qtugħ ir-Ras ta' Sta. Katarina" li llum aktarx li jkun imdendel fil-Muzew Parrokkjali , jew fis-Sagristija, għalkemm forsi mhux ghalissa. Kulhadd jaqbel li dan hu l-aktar kwadru preżżjuż li jinsab fiż-Żejtun, Iżda dwar min pittru u s-sena eżatta li fiha tpitter, jeżistu tejoriji u opinjonijiet diversi u konfliġġenti. Min jgħid ħaġa u min jgħid oħra. Ir-raġuni prinċipali ta' dawn id-differenzi hi , li din il-pittura la hi ffirmata u lanqas mhi datata. U biex tkompli tisħon il-kontroversja, imkien għadna ma sibna fl-arkivji isem il-pittur u s-sena eżatta meta tpitter, għalkemm kif ser naraw aktar il-quddiem, xi ħjiel għandna mid-dokumenti. Dawn l-aħħar sentejn tant kiber l-interess f'dan il-kwadru , li saru studji xjentifiċi twal dwaru barra minn Malta u bħala riżultat ta' dawn l-istudji , issa għandna f'idejna konklużjonijiet interessanti u kurjużi. Rapport dettaljat ta' dawn l-istudji jinsab f'pubblikazzjoni li ħarġet ftit tal-jiem ilu, intitolata "The Zejtun Painting - Shades of Caravaggio "(Il-Pittura taż-Żejtun – Riflessi ta' Caravaggio).

### Kwadru Titulari fil-Knisja ta' San Girgor

Naturalment l-aktar li lilna ż-Żwieten tinteressana hi l-espressjoni "Shades of Caravaggio" peress li Caravaggio kien wieħed mill-aqwa pitturi Taljani , magħrufa mad-dinja kollha ta' l-arti, u li , fortunatament għadda xi żmien f'Malta. Twieled fil-belt ta' Caravaggio (għalhekk jissejjaħ hekk), fl-Italja, bl-isem ta' Michelangelo Merisi fis-sena 1573, F' Malta dam biss xi xhur , bejn is-snin 1607 u 1608. Kulħadd jaf bl-opra kbira tiegħu "Il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann" fl-Oratorju tal-Kon-Katidral fil-Belt Valletta. Fil-kwadru taż-Żejtun hemm pittura ċkejkna (inset ) ,fuq ix-xellug in-naħa t'isfel li tirrapreżenta l-attakk li sar fuq Iż-Żejtun, b'mod speċjali fuq il-knisja msejħa "Ta' San Girgor" fis-sena 1614. Barra minn hekk, kitba fl-istess kwadru tirreferi għal Fra Filippu bid-data 1614 u meta l-Isqof Cagliares żar il-knisja ta' San Girgor fis-sena 1615, hu qal li dan il-kwadru kien tpitter riċentement. Allura kif jidħol Caravaggio li fis-sena 1614 kien ilu diġà sitt snin li telaq minn Malta? Hemm xi probabilita b' dan il-kwadru bdieħ hu u komplieħ ħaddieħor? Hemm xi probabilita li l-kitba fuq il-kwadru u x-xena tal-battalja ġew miżjuda wara? Hemm fil-kwadru taż-Żejtun xi indikazzjoni ċari ta' id Caravaggio? U l-kontroversja titwal u titwal. Naturalment li kellna nistabilixxu fiċ-ċert li Caravaggio kellu sehem tajjeb f'dan il-kwadru, din tkun skoperta mill-aktar importanti għall-parroċċa tagħna, għaliex tqegħdna fil-mappa nternazzjonali ta'l-arti, speċjalment meta l-lum l-użu ta' l-internet mid-djar iwassal kull tagħrif mad-dinja kollha.

### Pitturi Diversi

L-Ordni ta' San Ġwann kienet tistieden pitturi barranin biex jiġu jżejnu bl-arti tagħhom il-knejjes u l-palazzi tagħha. Diversi drabi kien jiġri li l-Maltin minn dejjem devoti tal-knejjes tagħhom, kien jistiednu lil dawn il-pitturi barranin biex ipittrulhom xi kwadru għall-knejjes tagħhom li bdew jidhru xi Maltin li ġieli kienu jistudjaw taħt dawn il-pitturi barranin jew li jippruvaw jimitawhom fil-pittura. Naturalment kienet ħaġa mpossibli li xi pittur Malti jilħaq il-livell għoli fil-pitturi barranin Iżda kultant kont issib xi wieħed li javviċinhom.

Allura, seta kien xi Malti li pprova jimita' lil Caravaggio fil-kwadru taż-Żejtun? Kien hemm min attribwixxa dan il-kwadru Iż-Żejtun lil ċertu Gulio Cassarino, pittur minn Ħaż-Żebbuġ li propjament kien jismu Giulio Felice. Twieled fl-1582 u miet fl-1637. Oħrajn ħarġu bl-idea li dan Cassarino ma kienx Malti, Iżda Sqalli. Din it-tejorija qabdet mhux ħażin dawn l-aħħar snin. Oħrajn xebħu l-istil tal-kwadru lil Lionello Spada. Oħrajn xebħu l-istil tal-kwadru taż-Żejtun mal-pittura ta' Mario Minniti, pittur Sqalli, midħla tal-Caravaggio, li wkoll għadda żmien hawn Malta. Xejn ma tistagħġeb b'dawn l-attribizzjonijiet, meta ma jkunx hemm dokumentazjoni ċertissima mill-arkivju, l-istudjużi ikollhom jirrikorru għall-analażi u eżaminazzjoni profonda tal-kwadru nnifsu u llum hawn il-mezzi biex dan isir. Aktar u aktar meta l-pittura tkun ta' livell għoli, bħalma hu dan il-kwadru taż-Żejtun!

### Ħidma tas-SACI

Wieħed mill-proponenti tat-tejorija li Caravaggio kellu sehem sewwa fil-produzzjonji tal-kawadru taż-

Żejtun , hu is-Sur Giovann Mizzi mill-Kalkara. Dawn l-aħħar ftit snin is-sur Mizzi wera nteress kbir fil-kwadru tagħna u fil-fatt kiteb wieħed mill-artikli ppublikati fix-"Shades of Caravaggio". Ikkonsulta diversi esperti ta' l-arti u kif wieħed kien jistenna, tawh opinjonijiet differenti. Maurizio Marini qallu li taħt il-pittura li tidher "hemm Caravaggio". Catherine Puglisi nnotat il-qbil bejn il-kwadru taż-Żejtun u d-"Difna ta' S. Luċia" fi Sqallija , kwadru żgur impitter minn Caravaggio. Paolo Sapori u Mina Gregori stagħġbu kemm fil-kwadru taż-Żejtun jidhru tixbiħat ma xogħlijiet ta' Caravaggio . Waqt it-tindif tal-kwadru minn Lucio de Vero u Enzo Giovane, l-isem ta' Caravaggio kien fuq fomm kulħadd. John Spike meta kien qed jikkummenta dwar l-x-rays fuq il-kwadru, issuġġerixxa li Salome' ta' Londra (Caravaggio) setgħet ġiet impittra hawn Malta. Din hija riferenza ndiretta għal Caravaggio, Iżda Spike wara ħareġ bl-idea li l-kwadru kellu diversi interventi li saru fuqu u l-hekk imsejħa restawri, dawn komplew żiedu l-inċertezza dwaru. Allura ġiet avviċinata s-SACI (Studio Art Centre International ) biex tesegwixxi analiżi xjentifika fuq dan il-kwadru bil-mezzi kollha moderni li din l-istituzzjoni ċelebri għandha għad-dispożizzjoni tagħha. L-istudju profond sar taħt it-tmexxija ta' Roberta Lapucci, wara li SACI ġiet avviċinata mill-Caravaggio Foundation taħt il-Presidenza tas-Sur Tonio Fenech.

### "A new Approach"

Hawnhekk m' għandniex wisa' biżżejjed biex nispjegaw x-xogħol kollu li sar fil-kwadru barra minn Malta. Iżda min hu nteressat f' dan , isib id-dettalji kollha fil-pubblikazzjoni "Shades of Caravaggio", fejn ikkontribwew bl-artikli diversi tagħhom kemm kittieba Maltin, kif ukoll dawk l-esperti li ħadmu fuq il-kwadru. Interessanti ferm hi l-kitba ta' Roberta Lapucci li ħaqqha tkun onorata b' xi mod jew mill-knisja taż-Żejtun, jew mill-Kunsill Lokali.

Din l-esperta waslet għal dawn il-konklużjonijiet li hi ipproponiet biss bħala possibilitajiet: il-kwadru inbeda minn Caravaggio (1607- 1608), tkompla minn Minniti (1611), tlesta għal kollox mill-pittur Garagma (1614). Fix-xogħol ta' analiżi nkixfet arma fir-rokna xellugija t'isfel tal-kwadru, impittra direttament fuq rota ta' S. Katarina.

Mela din l-arma tpittret wara! Inkixfu wkoll labardi u lanez, u ħnejja n-naħa ta' fuq, ħwejjeġ li qabel l-x-rays, etc ma kienux jidhru! Tidher li mhux id waħda ħadet sehem fil-produzzjoni ta' dan il-kwadru!

Iktar sorprendenti hi t-teorija ta' xi wħud li Caravaggio kien intenzjonat li jpitter dan il-kwadru bħala l-"Qtugħ ta' ras San Gwann "li hemm fl-Oratorju ta' San Ġwann. Saru studji fuq il-pittura tax-xbieha ta' S.Katarina li tidher aktar maskili minn femminili, il-mara xwejħa li tidher f'ħafna kwadri ta' Caravaggio, is-suldat, istess f'ħafna kwadri in-numru ieħor ta' tixbiħat.

Kif mistenni mill-ewwel kien hawn min ma riedx jaċċetta l-konklużżjonijiet ta' Roberta Lapucci, allavolja din ipproponiethom bħala pubblikazzjonijiet u l-kontroversja dwar min pitter dan il-kwadru tidher li għadha miftuħa.

C & T Gift Shop

Triq id-Duluri • Żejtun

Tel: 2169 5397 • Mobile: 9946 1809

Household Goods & Gifts